# MITT SENA ILU M'XLOKK INQATA' MIŻ-ŻEJTUN

**11 Ta' JANNAR, 1897.** **Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela**

**Ix-Xlukkajri jħejju għall-Festi Centinarji**

Bhalissa qegħdin isiru fil-parroċċa ta' M'Xlokk it-tħejjijiet biex is-sena d-dieħla jiġi mfakkar kif jixraq it- twaqqif ta' M'Xlokk bħala parroċċa ndipendenti għal kollox mill-matriċi tagħha, il-parroċċa taż-Zejtun. Id-digriet li bih M'Xlokk infired miż-Zejtun ħareġ fil-11 ta'Jannar,1897.Matul il-mitt sena li għaddew mill-publikazzjoni ta' dan id-digriet, il-parroċċa ġdida ta' M'Xlokk rat tibdil kbir u għamlet progress konsiderevoli. Peress illi sas-sena 1896 M'Xlokk kien u għadu parti miż-Żejtun, jixraq li aħna nagħtu titwila lejn is-sitwazzjoni prevalenti fl-aħħar snin tas-seklu dsatax u naraw fil-qosor il-grajjiet konnessi ma dan l-avveniment importanti, mhux biss fl-Istorja ta' M'Xlokk, iżda wkoll f'dik taż-Żejtun.

**Iż-Żejtun diġa' Matriċi fis-seklu sbatax.**

Meta għall-ħabta tal-bidu tas-seklu ħmistax, iż-Żejtun sar parroċċa flimkien ma' disgħa oħra, il-limiti tiegħu kienu tant kbar, illi nistgħu ngħidu li kienu jinkludu ix-Xlokk kollu ta' Malta. hekk il-Knisja ċkejkna ta' Santa Katarina, li kienet mibnija fejn il-lum hi mwaqqfa l-knisja ta' San Girgor, kienet isservi ta' knisja parrokkjali mhux biss għall-partijiet li l-lum insejħulhom iż-Żejtun, iżda wkoll għal dawk il-lum imsejħa Ħaż-Żabbar, Wied il-Għajn, San Ġorġ (parti minn B"Bugia), M'Xlokk u Ħal-Għaxaq. Dak iż-żmien in-numru ta' abitanti ta' dawn l-inħawi kien żgħir ħafna, iżda meta mitt sena wara ġew f'Malta il-kavallieri ta' San Ġwann, il-Maltin bdew igawdu ċertu livell ta' prosperita' u sigurta'. U dawk li kienu jgħixu 'l-bogħod mill-knisja ta' Santa Katarina ħassew il-ħtieġa li jkollhom parroċċa għalihom. Kien fil-bidu tas-seklu sbatax li Ħaż-Żabbar u Ħal-Għaxaq inqatgħu miż-Żejtun.

**Is-Sajjieda Żwieten jibqgħu beżgħana.**

Iżda M'Xlokk li, kif jaf kulħadd, hu daħla mill-aktar kbar u mportanti ta' Malta, baqa' xi ftit jew wisq espost għall-attakki tal-kursara Misilmin. Kienu ilhom kważi mitt sena li ġew Malta, meta il-Kavallieri bdew jaħsbu bis-serjeta' kif sa jideffendu din ix-xaqliba ta' Malta. Bnew it-torri ta' San Luċjan u aktar tard, fortifikazzjonijiet oħra. Iżda ż-Żwieten li kien ilhom il-mijiet ta' snin isofru mill-attakki tal-pirati, m' għaġġlux biex jibnu djarhom viċin il-baħar. U hekk, is-sajjieda Żwieten, li kienu jistadu fil-bajja u barra l-bajja ta' M'Xlokk, u fl-ibħra viċini, xorta waħda baqgħu joqogħdu fiż-Żejtun, speċjalment f'Ħal Bisbut. Mhux ta' b'xejn li f'din il-parti taż-Żejtun insibu,mhux biss triq imsemmija għal M'Xlokk, iżda wkoll oħra msemmija għal San Pietru, is-sajjied l-aktar magħruf mill-Insara. L-altar ta' Sant Andrija fil- knisja parrokkjali taż-Żejtun kien minn dejjem f'idejn is- sajjieda, u kienu s- sajjieda Żwieten li bnew l-istatwa ta' Sant' Andrija f'M'Xlokk.Kienu għamluha ċara lill-iskultur li jriduha bħal dik ta' Bormla,li tfarrket fil-gwerra li għaddiet.

Sigurta' għall-abitanti.

Bil-mod il-mod, is- sajjieda Żwieten rabbew il-kuraġġ, speċjalment meta l-biża mill-kursara għeb għal kollox fl-aħħar snin tal- Kavallieri hawn Malta u l-miġja ta' l-Ingliżi fl-1800. Minkejja din is-sigurta' xorta waħda l-inħawi viċin il-baħar mhux biss M'Xlokk, iżda wkoll Wied-il-Għajn, B'buġia u San Pawl il-Baħar-baqgħu mhux popolati. Kien biss fis-seklu tagħna li dawn il-postijiet viċin il- baħar ġew popolati sewwa, u l-lum saru mill-isbaħ postijiet ta' Malta.Għall-ħabta ta' nofs is-seklu dsatax, f'M'Xlokk kienu jgħixu biss ftit familji li kienu jaqilgħu l-għajxien tagħhom mis-sajd.Lista li għandna tal-abitanti ta' m'Xlokk ftit tas-snin biss qabel sar parroċċa,ma tinkludix aktar minn mitt ruħ b'kollox. Differenza enormi mill- kważi tlett elef ruħ li jgħixu f'M'Xlokk il- lum!

**L-istorja tal- Markiża.**

Dawn il- ftit nies kienu għadhom kuntenti li jinqdew bil-knisja ta' Santa Katarina fiż-Żejtun bħala l-parroċċa tagħhom. Kienu jeżistu fl-inħawi xi knejjes żgħar rurali, iżda l-ebda waħda minnhom ma kienet fil-qalba ta' fejn kienu mibnija d-djar tas-sajjieda Żwieten ix-Xatt. Ġara li l-Markiża Rosalia Viani Testaferrata kienet saret devota ħafna tal-Madonna ta' Pompej wara li għall-ħabta tas-sena 1885 kienet ħelsitha minn maltempata kbira hi u tbaħħar viċin il-Punent ta' l-Italja. Il-jum kien il-11 ta' Ottubru, meta f'Pompej kienu qegħdin jirreċitaw is-supplika tal-Madonna. It-twajba Markiża mill-ewwel bdiet temmen li kien it-talb tagħha lill-Madonna ta' Pompej li qalgħalha l-grazzja tal-ħarsien mill-qilla tal-baħar. Id-dar tagħha kienet eżattament fit-triq li tagħti għall-baħar f'M'Xlokk. In-numru tas-sajjieda Żwieten f'M'Xlokk sadattant kompla jiżdied.minħabba 'l bogħod tagħhom mill-knisja taż-Żejtun, beda allura jinħass sewwa l-bżonn li jkollhom knisja parrokjali għalihom, bir-residenza ta'saċerdot iddedikat

kollu kemm hu għalihom biss. Xejn ma kien jogħġobhom li jmut xi ħadd minnhom mingħajr assistenza ta' qassis minħabba 'l bogħod miż-Żejtun.

**Jibda l-bini tal-knisja ġdida**

Hekk fl-1890, Mons Isqof Pietru Pace iddeċieda li kellha knisja fejn kienu joqogħdu s-sajjieda biex dawn ikunu jistgħu jaqdu sewwa d-dmirijiet tagħhom Insara.Biex isir dan l-Isqof waqqaf kummissjoni taħt il-presidenza tal-W. R. Antonio Psaila, Arċipriet taż-Żejtun. L-art fejn kellha tinbena l-knisja ġdida, li ftit snin wara saret il-knisja parrokkjali ta' M'Xlokk, ġiet irregalata mis-Sur Filippu Zammit ta' Ħaż-Żebbuġ.Nhar is-7 ta' Diċembru 1890, lejlet il-Festa tal-Kunċizzjoni, saret iċ-ċerimonja solenni tat-tqegħid ta l-Ewwel Ġebla ta' din il-knisja, li allura ġiet ddedikata lill-Madonna tar-Ružarju ta' Pompej. Il- Markiża Rosalia kienet benefattriċi kbira ta' din il-knisja. Dokument li jinsab fl-Arkivju parrokkjali taż-Żejtun jiddeskrivi x'sar fil-jum tat-Tqegħid ta'l-Ewwel Ġebla(1)Is-7 ta' Diċembru, 1890 kien il-Ħadd. Wara nofs-in-nhar, Mons. Isqof Pietru Pace, akkumpanjat minn żewġ monsinjuri, mexxa purċissjoni li fiha ħa sehem il-kleru kollu taż-Żejtun, mill-knisja gus-patronat ta' San Pietru Martri, għall-post fejn tqegħdet l-ewwel gebla.Il-poplu li attenda kien numeruż ħafna u ġie minn diversi partijiet ta' Malta. Wara li spiċċat iċ-ċerimonja mponenti, L-Isqof għamel diskors tal-okkażjoni li fih spjega r-rit li kien għadu kif mexxa u ħeġġeġ lin-nies jikkontribwixxu għall-ispejjeż tal-bini tal-knisja ġdida tagħhom. Il-perit kien Dun Ġużepp Diacono, kappilan tal-Qala, Għawdex, filwaqt li l-bennej kien l-imgħallem Żejtuni Carmelo Vella. Id-dokument jgħidilna wkoll li meta spiċċat iċ-ċerimonja, il-Markiza stiednet lill-Isqof, il-kleru u diversi personaġġi distinti għall-bibita fid-dar tagħha.

**Iż-Żejtuni Dun Salv Delia, l-ewwel kappillan.**

Din l-ewwel knisja tal-1890 ma kenitx kif naraw il-knisja parrokkjali ta' M'Xlokk il-lum. Kienet ferm iżgħar minn tal-lum, u l-post tagħha kien eżattament fejn tinsab il-kursija tal-knisja parrokkjali ta' żmienna. Kellha forma rettangulari u pjuttost sempliċi. Din il-knisja ġiet imbierka u mogħtija l-forma ta' salib numru ta' snin wara. Tant hu hekk, illi Dun Salv Delia, l-ewwel kappillan ta' M'Xlokk, li miet fl-1902, hu midfun f' qabar li jiġi taħt il-paviment tal-kursija tal-knisja preżenti. Iżda bħalma ġara bosta drabi qabel, M'Xlokk ma nqatax miż-Żejtun qabel spiċċa minn arċipriet taż-Żejtun Dun Antonio Psaila. Kienet drawwa tal-kappillani li jopponu



tnaqqis mill-parroċċa tagħhom sakemm ikunu għadhom kappillani huma! Fil-11 ta' Jannar, 1897, Psaila nħatar monsinjur tal-katidral, u fl-istess ġurnata ħareġ id-diġriet tal-parroċċa ġdida ta' M'Xlokk.

**Tberik Tal-Knisja.**

Sadattant il-knisja ċkejkna li kienet bdiet tinbena fl-1890 kienet tlestiet u saret kbira biżżejjed biex taqdi il-ħtiġijiet pastorali tax-Xlukkajari. Hekk, nhar il-Ħadd, 25 ta' Settembru, 1892, l-Isqof Pietru Pace bierek il-knisja l-ġdida meta l-bini tagħha kien lest għal kollox (2). Kif spiċċat iċ-ċerimonja tat-tberik, l-Isqof qaddes quddiesa solenni u qarben il-folla kbira preżenti. Wara kien mistieden għall-pranzu għand il-Markiż a. Wara nofs-in-nhar kien reċitat ir-rużarju u tkanta t-"Te-Deum" bħala ringrazzjament. Il-funzjoni għalqet bil-barka Sagramentali. Il-Banda taż-Żejtun kompliet żiedet il-festi bid-daqq tagħha. Proprjament id-dokument li semmejna ma jsemmix il-Banda Beland b' isimha, iżda żgur li qed jirreferi għaliha meta jsemmi l-banda, għaliex id-dokumenti l-oħra ta' l-istess epoka li jitkellmu dwar M'Xlokk isemmuha b' isimha.

**Iż-Żejtun matriċi għat-tielet darba.**

Jumejn biss wara t-tberik tal-knisja tal-Madonna ta' Pompej, l-Isqof ħareġ id-digriet li bih ħatar Viċendarju biex jiehu ħsieb il-kura pastorali tal-poplu ta' M'Xlokk. Xaharejn wara, il-qassis Żejtuni Dun Lawrenz Psaila għammed l-ewwel tarbija f'M'Xlokk.Sal-1897ġew mgħammda b' kollox 50 tarbija. Fl-1894 il-ħidma pastorali waqgħet f' idejn Dun Salv Delia, qassis Żejtuni ieħor li wara ġie maħtur l-ewwel kappillan ta' M'Xlokk. Hekk tħejjiet it-triq biex M'Xlokk isir parroċċa ndipendenti miż-Żejtun; in-numru ta' Xlukkajri kien kiber mhux ħazin; kellhom issa knisja ġmielha f'nofs l-abitanti; fuq kollox, kellhom saċerdot ddedikat għall-ħajja pastorali fosthom. Fil-11 ta' Jannar, 1897, jum memorabbli fl-Istorja ta' M'Xlokk u ż-Żejtun; ġiet maħtura l-parroċċa ġdida ta' M'Xlokk. Għat-tielet darba, il-knisja parrokkjali taż-Żejtun kienet saret **Arċimatriċi**; u reġet saret nofs seklu wara bit-twaqqif tal-parroċċa ta' Wied il-Għajn..